Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 111/23/F

Alexander Mizzi

vs

Solar Engineering Ltd.

Illum, 25 ta' Marzu 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-26 ta' Ġunju 2023;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fit-23 ta' Awwissu 2023;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi r-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200) minħabba li l-*inverter* tas-sistema fotovoltajika li xtara mingħand l-azjenda intimata fis-sena 2014 waqaf jaħdem. Isostni li sa meta waqaf jaħdem dan l-*inverter*, is-sistema kienet għadha koperta taħt *extended warranty* li tlaħħaq sa 10 snin mill-konsenja tas-sistema, li saret fil-11 ta' Marzu 2014.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tagħha, l-azjenda intimata teċċepixi li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt minħabba li r-Rikorrent naqas li jagħmel manutenzjoni regolari fuq is-sistema in kwistjoni u b'hekk l-*extended warranty* ġiet invalidata.

Illi għalhekk, qabel ma jinoltru ruħu fil-mertu, il-kwistjoni primarja li jrid jistħarreġ it-Tribunal hija jekk meta ġiet rappurtata l-ħsara fl-inverter, u ċioè fis-16 ta' Frar 2023, kienitx għadha veljanti l-garanzija provduta mill-azjenda intimata.

Illi l-garanzija li l-liġi tagħti lill-Konsumtur toħroġ mill-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li "il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħu fi żmien sentejn minn dakinhar [...]". Dan il-perjodu kien ċertament skorra meta seħħet il-ħsara lamentata u allura, jekk is-sistema fotovoltajika kienet għadha koperta b'garanzija, din setgħet tkun biss il-garanzija kummerċjali konċessa mill-azjenda intimata li ovvjament, bħal kull kuntratt *inter partes* ieħor, hija regolata bit-termini u l-kundizzjonijiet tagħha.

Illi mid-dokumentazzjoni eżebitita minn entrambi l-Partijiet, is-sistema hija koperta b'garanzija kummerċjali "*for 5 years from date of installation*" u "*+ 5 years extended warranty*" miktuba bl-idejn fuq l-istess document. Dan l-istess dokument jispeċifika, *inter alia*, li "*warranty claims and liability for direct or indirect damage are excluded if arising from [...] failure to observe the maintenance regulations and intervals*". Din fil-fatt hija l-klawżola li fuqha l-azjenda intimata takkampa d-difiża tagħha.

Illi t-Tribunal evalwa ukoll il-verżjonijiet mogħtija mill-Partijiet fix-xhieda tagħhom. Anthony Saliba, Direttur tal-azjenda intimata jgħid li filwaqt li l-installazzjoni tas-sistema saret minn ħaddiema tal-azjenda intimata fis-sena 2014, fis-sena 2016, ir-Rikorrent daħal f'*maintenance agreement* li kien ikopri perjodu ta' ħames snin. Fis-sena 2018, ir-Rikorrent kien ilmenta dwar ħsara fl-*inverter* tas-sistema u dan kien ġie sostitwit taħt garanzija minkejja li skont kif jispjega Saliba, il-ħsara kient dovuta għal *leakage to earth*, fenomenu li jiġri minħabba defiċjenzi fis-sistema elettrika domestika tal-fond fejn tkun installata s-sistema. Isemmi okkażjoni fejn fis-sena 2018, ir-Rikorrent kien insista mal-ħaddiema tal-azjenda intimata sabiex ir-*residual current device* (RCD) tas-sistema jinbidel għal wieħed ta' reżistenza akbar. Ġie ppreżentat ritratt li juri is-*circuit board* tal-*inverter* viżibbilment maħruq fi Frar 2023.

Illi mill-banda l-oħra, stabbilit il-premess mill-azjenda intimata fl-eċċezzjoni tagħha, ir-Rikorrent naqas mill-jġib prova li wara li skada il-*maintenance agreement* mal-azjenda intimata fis-sena 2021, kien għamel xi manutenzjoni, inqar ordinarja, tas-sistema fotovoltajika. Sa ċertu punt, it-Tribunal għandu riżervi dwar l-affermazzjoni ta' Anthony Saliba li biex il-garanzija tibqa' valida il-manutenzjoni trid issir bilfors minn personal tal-azjenda intimata ad esklużjoni ta' persuni oħrajn kwalifikati, iżda hawn il-każ huwa differenti – m'hemmx prova li saret kwalunkwe manutenzjoni

minn kwalunkwe persuna wara s-sena 2021 u l-ħsara fil-fatt ġiet rappurtata fi Frar 2023 – sentejn wara.

Illi jsegwi għalhekk li fil-mument li ġiet rappurtata l-ħsara, il-kopertura tal-garanzija kummerċjali mogħtija mill-azjenda intimata kienet intilfet stante nuqqas ta' manutanzjoni tas-sistema fotovoltajika.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li l-azjenda intimata għandha tkun liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, jiċħadha.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-Rikorrent.

Avv. Mattia Felice
Arbitru